# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**PRESIDENT**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 21 ta' Ottubru, 2021.**

**Numru 1**

**Rikors maħluf numru 403/2012/3 JPG**

**Raymond u Anna konjuġi Meilak**

***v.***

**Henry u Maria Annunziata konjuġi Depasquale u Direttur tal-Qrati Ċivili u Tribunali għal kull interess li jista' jkollu**

1. Din is-sentenza hija dwar talba magħmula mill-atturi biex jinstema' mill-ġdid appell maqtugħ b'sentenza ta' din il-qorti tat-23 ta' Novembru 2020, wara li titħassar dik is-sentenza għax igħidu illi s-sentenza applikat il-liġi ħażin u hija l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża (art. 811 para. (*e*) u (*l*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili). Il-fatti relevanti huma dawn:

2. Fid-9 ta’ Lulju 2008 kienet ingħatat sentenza mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili f’kawża fl-ismijiet Henry Depasquale *et v.* Benedetta Meilak *et*[1]. Fost il-konvenuti f’dik il-kawża kien hemm l-attur tallum Raymond Meilak. B’dik is-sentenza, li minnha ma sar ebda appell, il-qorti kienet ikkundannat lill-konvenuti flimkien *in solidum*, bħala werrieta ta’ Joseph Meilak, iroddu lill-atturi, il-konjuġi Depasquale, konvenuti tallum, is-somma ta’ wieħed u tletin elf, tliet mija u tnejn u disgħin lira ta’ Malta (Lm31,392), illum tlieta u sebgħin elf, mija u tlieta u għoxrin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€73,123.69), li kienet mislufa lil Joseph Meilak.

3. Il-konjuġi Depasquale fittxew l-esekuzzjoni tas-sentenza bil-bejgħ *sub hasta* ta’ proprjetà tal-atturi tallum konjuġi Meilak, billi l-attur Raymond Meilak kien fost il-konvenuti kanonizzati debituri *in solidum* bis-sentenza tad-9 ta’ Lulju 2008.

4. L-atturi Meilak imbagħad fetħu din il-kawża tallum u talbu illi l-qorti ssib i. illi ma tiswiex is-sentenza tad-9 ta’ Lulju 2008 minħabba nuqqas ta’ notifika valida, ii. illi f’kull każ is-sentenza ma tagħmilx stat kontrihom billi huma ma humiex werrieta ta’ Joseph Meilak, u Anna Meilak ma kinitx parti fil-kawża, u iii. konsegwentement, illi l-atti tal-bejgħ *sub hasta* ma jiswewx. Il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili b’sentenza tal-5 ta’ Ottubru 2015 ċaħdet it-talbiet tal-atturi għal raġunijiet li fissrithom hekk:

»It-talbiet illi għandha quddiemha din il-qorti huma is-segwenti:

---

[1] Ċitaz. nru 1166/2007.

»1. talba sabiex din il-qorti tiddikjara nullità tas-sentenza tad-9 ta' Lulju 2008 minħabba difetti fin-notifika ta' Raymond Meilak, martu u ħutu;

»2. dikjarazzjoni ta' din il-qorti li tali sentenza ma tagħmilx stat kontra l-konjuġi Meilak għaliex m'humiex werrieta ta' Joseph Meilak;

»3. dikjarazzjoni li l-atti tas-subbasta 66/2010 huma irriti u nulli.

»Din il-qorti tgħaddi biex teżamina kull waħda minn dawn it-talbiet.

»Mill-provi prodotti … jirriżulta illi kien ġie kanonizzat kreditu dwar self da parti ta' Joseph Meilak, illi jiġi missier Raymond Meilak, kontra Raymond Meilak, flimkien ma ħutu … *vide* sentenza tad-9 ta' Lulju 2008. … … …

»Insegwitu ta' din is-sentenza, il-konjuġi Depasquale inizjaw proceduri ta' subbasta 66/2010 u għażlu li jipproċedu biss kontra Raymond Meilak u martu.

»Raymond Meilak għamel diversi tentattivi sabiex iwaqqaf is-subbasta u sabiex jottieni t-tħassir tas-sentenza tad-9 ta' Lulju 2008, u … ġew miċħuda t-talbiet ta' Raymond Meilak *et* għan-nullità tas-sentenza, kif ukoll għal waqfien tal-proceduri tal-istess subbasta, iżda ġie protett is-sehem ta' nofs indiviż tad-dar matrimonjali appartenenti lil Anna Meilak.

»Għalhekk l-azzjoni li għandha quddiemha din il-qorti hija inpropon-ibbli u dana għaliex il-konjuġi Meilak, hekk kif indunaw bl-eżistenza tas-sentenza tad-9 ta' Lulju 2008, ma ħadux il-passi neċessarji sabiex jintavolaw proċeduri ta' ritrattazzjoni.

»… … …

»Illi din il-qorti, *in vista* tal-mankanza ta' proċeduri ta' ritrattazzjoni, għandha idejha marbuta u hija prekluża milli takkorda rimedju mitlub, liema rimedju seta' jingħata mill-qorti kompetenti fir-ritrattazzjoni. … … …

»… … …

»*Inoltre* t-terminu legali sabiex tiġi intavolata l-proċedura idonea għar-ritrattazzjoni skada u għaldaqstant mhuwiex il-każ fejn din il-qorti tista' b'xi mod takkorda s-sospenzjoni tas-subbasta biex jiġu inizjati tali proċeduri ta' ritrattazzjoni.

»Jirriżulta *inoltre* li Joseph Meilak miet fis-26 ta' Settembru 2007 … L-atti juru ukoll illi l-konjuġi Raymond u Anna Meilak irrinunzjaw għall-wirt ta' Joseph Meilak biss fit-12 ta' Frar 2008 … u għalhekk wara l-iskadenza tal-perjodu indikat għal dan il-għan skond l-artikolu 869 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

»Għalhekk s-sentenza tad-9 ta' Lulju 2008 tagħmel stat fil-konfront ta' Raymond Meilak u ħutu.«

5. L-atturi appellaw iżda l-Qorti tal-Appell bis-sentenza tat-23 ta' Novembru 2020 ["is-sentenza attakkata"] ċaħdet l-appell għal raġunijiet li fissrithom hekk:

> »10. Illi din hija azzjoni maħsuba biex twaqqa' l-atti ta' bejgħ ġudizzjarju fuq is-saħħa tan-nuqqas ta' titolu eżekuttiv li bih dak il-bejgħ seta' jintalab. Fil-qosor, l-appellanti jargumentaw li s-sentenza li bis-saħħa tagħha l-appellati Depasquale nedew il-proċess tal-bejgħ ġudizzjarju ma tiswiex u, f'kull każ, ma tagħmilx stat kontra tagħhom. Għalhekk jisħqu li, safejn l-appellati daru kontra tagħhom u fuq ġid tagħhom biex jeżegwixxu l-kreditu tagħhom, dawn l-atti kollha saru ħażin.
>
> »11. Illi l-aggravju ewlieni tal-appellanti mis-sentenza appellata jinġabar fl-ilment li l-ewwel qorti ma fehmitx sewwa n-natura tal-azzjoni tagħhom u ħadmet raġunament li ma jikkorrispondix mal-għamla tat-talbiet li ressqu. B'mod partikolari, jgħidu li l-ewwel qorti qieset biss ir-rimedju tar-ritrattazzjoni bħala l-mod li bih setgħu jattakkaw is-siwi tat-titolu eżekuttiv (is-sentenza tal-2008) li fuqu ntalab il-bejgħ *sub hasta*, meta fil-liġi jeżistu rimedji oħrajn li bihom wieħed jista' jattakka u jwaqqa' sentenza, ukoll jekk tkun għaddiet f'ġudikat. Minbarra dan, jgħidu li l-azzjoni tagħhom titlob l-impunjazzjoni ta' diversi atti għal raġunijiet diversi li l-ewwel qorti baqgħet ma qisitx.
>
> »12. Illi l-qorti jidhrilha li biex tqis kif jixraq l-aggravju tal-appellanti trid tħares lejn il-qafas legali u proċedurali li fih tressqet din il-kawża. L-azzjoni tal-appellanti nbdiet sewwasew b'riferenza tal-atti tal-bejgħ ġudizzjarju mniedi mill-appellati Depasquale. Ladarba wieħed jitkellem fuq att eżekuttiv, dan jimplika minnufih il-ħtieġa ta' titolu eżekuttiv li jiswa. L-appellanti, qabel kollox, qegħdin jattakkaw is-siwi tat-titolu eżekuttiv, għall-anqas kif jolqot lilhom; imbagħad, qegħdin jattakkaw ukoll is-siwi tal-att eżekuttiv li bilfors jolqot lilhom għaliex inħareġ kontrihom.
>
> »13. Illi l-appellant jgħid li, fir-rigward tat-titolu eżekuttiv vantat, kien hemm nuqqas ta' notifika tajba tal-atti li wasslu għas-sentenza u, f'kull każ, l-att eżekuttiv inbeda fuq it-tismija ta' sentenza li mhux minnu li ngħatat fid-data msemmija u għalhekk fuq titolu li ma jeżistix.
>
> »14. Illi l-qorti tqis li fl-ewwel talba li ressqu l-appellanti quddiem l-ewwel qorti huma speċifikaw li s-sentenza mogħtija fil-kawża li l-appellati kienu fetħu kontra l-appellant u l-familja tiegħu ma kinitx tiswa "għaliex ivvizjata minn difetti fin-notifika tal-konvenuti fosthom l-esponent Raymond Meilak". Fuq is-saħħa ta' talba magħmula għal raġuni bħal dik, il-liġi tagħti rimedju – ir-ritrattazzjoni – biex wieħed jitlob li jwaqqa' s-sentenza, u tagħti wkoll żmien biex dan isir. L-azzjoni mressqa mill-appellanti mhijiex talba għar-ritrattazzjoni u sa ħames snin minn dakinhar li ngħatat l-imsemmija sentenza ma saret l-ebda azzjoni ta' ritrattazzjoni biex tattakka s-siwi tan-notifiki li saru fil-konfront tal-appellant, ommu u ħutu qabel ma ngħatat is-sentenza li ikkanoniżżat il-kreditu favur l-appellati Depasquale. Tajjeb li jingħad ukoll li l-atti tal-kawża li fiha ngħatat is-sentenza juru formalment li n-notifiki saru kif imiss kif titlob il-liġi fl-artikolu 187(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

»15. Illi huwa stabbilit li r-ritrattazzjoni tingħata bħala rimedju dwar sentenza li tkun għaddiet f'ġudikat u b'hekk tkun saret titolu eżekuttiv. L-appellanti fl-aggravju tagħhom jgħidu li l-ewwel qorti ma qisitx li r-ritrattazzjoni ma huwiex ir-rimedju waħdieni li parti f'kawża jista' jkollha biex tħassar sentenza. Ma fissru bl-ebda mod x'jista' jkun tali rimedju jew kif l-azzjoni mibdija minnhom hija t-tħaddim ta' rimedju bħal dak. Għall-kuntrarju, ingħad li

> »"L-ebda dispożizzjoni tal-liġi ordinarja tagħna ma tagħti lok li titressaq ċitazzjoni sabiex sentenza li tkun għaddiet in ġudikat tiġi dikjarata nulla u bla effett. Sal-1991 kien intqal li sentenza li ma tiġix ritrattata ma tistax tiġi attakkata bħala nulla u ssir irrevokabbli *purché* ma jkunx hemm appell jew ritrattazzjoni. … … … Intqal f'sentenzi oħrajn li meta l-liġi tagħti l-mezzi sabiex fl-interess tagħhom il-partijiet jagħmlu użu ħalli jwaqqgħu sentenza, anke jekk tkun nulla, u dawk l-istess rimedji ma jiġux fil-fatt minnhom adoperati, huma ma jibqagħlomx rimedju ieħor għal dak il-fini, u dan barra milli għar-raġunijiet li ntqalu għall-preżunzjoni tal-verità, li għandha jkollha s-setgħa u tkopri kwalunkwe kawża ta' nullità, peress illi l-kawżi għandhom jispiċċaw xi darba."[2]

»16. Illi huwa minnu li, matul it-trattazzjoni tal-għeluq tal-appell, l-għaref difensur tal-appellanti saħaq fuq il-ħtieġa li wieħed jagħraf bejn is-siwi ta' sentenza u l-eżegwibilità tagħha[3], iżda ma weriex kif b'daqs-hekk wieħed jasal għall-fehma li s-sentenza li ikkanoniżżat il-kreditu favur l-appellati eżekutanti ma kinitx eżegwibbli, minbarra li ma kinitx nulla.

»17. Illi għalhekk, safejn l-aggravju tal-appellanti jirrigwarda s-siwi tat-titolu eżekuttiv, dak l-aggravju mhuwiex tajjeb u mhux se' jintlaqa'.

»18. Illi għar-rigward tal-aggravju li jitkellem dwar l-effetti tas-sentenza fuq l-appellanti, dawn jgħidu li dik is-sentenza xorta waħda ma tgħoddx kontra l-appellant għaliex huwa kien irrinunzja għall-wirt ta' missieru qabel ma kienet ingħatat is-sentenza li ikkanoniżżat il-kreditu favur l-appellati Depasquale. Filwaqt li huwa minnu li l-appellant (u ħutu) irrinunzjaw għall-wirt ta' missierhom (id-debitur mistqarr tal-appellati) bid-dikjarazzjoni meħtieġa fit-12 ta' Frar 2008, ma jidhrix li dan l-aggravju huwa tajjeb. Fl-ewwel lok, fl-azzjoni mibdija mill-appellati Depasquale għall-kanoniżżazzjoni tal-kreditu, l-appellant tħarrek f'ismu u kienet omm l-istess appellant waħedha li tħarrket "bħala werrieta tal-mejjet Joseph Meilak". Għalhekk, it-titolu eżekuttiv maħluq bis-saħħa ta' dik is-sentenza jorbot lill-appellant fil-kwalità tiegħu ta' (ko-) debitur solidali kanoniżżat tal-appellati. Fit-tieni lok, dik ir-rinunzja ma torbotx lil terzi, jekk kemm-il darba ma tkunx reġistrata kif imiss. Ma tressqet l-ebda prova mill-appellanti fl-atti tal-kawża li dan il-pass twettaq. Fin-nuqqas ta' prova bħal din, l-appellati ma jintlaqtu bl-ebda mod b'dik ir-rinunzja, ukoll kieku ħarrku lill-appellant fil-kwalità tiegħu ta' werriet ta' missieru d-debitur.

»19. Illi dwar ir-rinunzja, l-ewwel qorti għażlet li ssejjes il-fehma tagħha fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 869 tal-Kodiċi Ċivili. L-

2 »G. Mercieca, *Mezzi Straordinarji ta' Impunjazzjoni tas-Sentenzi* (1$^{el}$ Ediz., 2005). paġġ. 220-1«

3 »App. Inf. PS 12.5.2003 fil-kawża fl-ismijiet Rosalind Pantalleresco *v. Starbrite Cleaners*«

appellanti jisħqu li dak l-artikolu ma jgħoddx għall-każ u l-għaref difensur tagħhom fisser għaliex waqt it-trattazzjoni tal-appell quddiem din il-qorti[4]. Il-qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-appellanti dwar it-tħaddim tal-imsemmi artikolu billi l-kwistjoni ma kinitx marbuta ma' pussess ta' xi ġid tal-mejjet Joseph Meilak. Madankollu, tirreferi għal dak li għadha kemm semmiet fil-paragrafu ta' qabel dan u ssib li dan l-aggravju ma jreġix. Għalkemm għal raġuni differenti minn dik imsemmija mill-ewwel qorti fis-sentenza appellata, ir-rinunzja tal-appellant (u ħutu) għall-wirt ta' missierhom ma tistax tintuża bħala raġuni għan-nuqqas ta' eżekuttività tas-sentenza li ikkanoniżżat il-kreditu favur l-appellati miżżewġin Depasquale.

»20. Illi għalhekk lanqas dan l-aspett tal-aggravju tal-appellanti ma jistħoqqlu jintlaqa' u lanqas it-tieni talba tal-appellanti ma kienet mistħoqqa fil-mod li tressqet.

»21. Illi safejn l-aggravju li jimmira s-siwi tal-atti tas-subbasta, l-appellanti jilmentaw minn "irregolaritajiet essenzjali" fil-proċess tal-bejgħ ġudizzjarju li kienu jġibu n-nullità tal-istess proċess. Ewlenija fost tali irregolaritajiet isemmu d-data ħażina tas-sentenza li, bis-saħħa tagħha, suppost li ntalab l-att eżekuttiv tal-bejgħ ġudizzjarju. Irregolarità oħra hi li t-talba oriġinali tal-eżekutanti appellati kienet tirrigwarda l-bejgħ tal-fond kollu subbastat, meta fil-fatt il-bejgħ sar fuq sehem biss minn tali fond u hekk ukoll saret il-liberazzjoni wara l-irkant. L-appellanti jisħqu li r-regoli tal-proċedura huma ta' ordni pubbliku u, fejn ikun hemm nuqqas ta' ħarsien tagħhom, in-nullità tista' tintalab dejjem.

»22. Illi l-qorti fliet sewwa l-atti tas-subbasta u tinnota li dawn l-aggravji li jsemmu l-appellanti kienu fost atti li ressqu bil-ħsieb li jwaqqfu jew jissospendu l-mixi 'l quddiem ta' dak il-proċess. Dawk l-atti kienu jirrigwardaw kemm is-siwi tas-sentenza li kienet saret titolu eżekuttiv u kif ukoll is-sehem li seta' jintalab il-bejgħ tiegħu *sub hasta*. Il-qorti tat provvedimenti dwar kull wieħed minnhom u irrattifikat xi nuqqasijiet li seta' kien hemm fit-talba oriġinali. Il-bejgħ ġudizzjarju sar fl-20 ta' Marzu 2012, u s-sehem ta' nofs (½) mhux maqsum tal-appartament subbastat inkiseb *animo compensandi* mill-appellat eżekutant Depasquale u favurih liberat dakinhar.

»23. Illi l-liġi tqis li l-liberazzjoni ta' ġid immobbli mibjugħ f'irkant ġudizzjarju tikkostitwixxi minnha nfisha titolu eżekuttiv. Il-qorti ntweriet ukoll li l-proċeduri kollha marbuta mal-ħlas tal-ammont offert mill-eżekutant, mat-tressiq taċ-ċedola relattiva ta' kompensazzjoni u mar-reġistrazzjoni tat-trasferiment fir-Reġistru Pubbliku twettqu kollha. Minn qari tal-imsemmija atti, joħroġ ċar li, matul iż-żmien li kien qiegħed jitmexxa l-proċess tal-bejgħ ġudizzjarju, il-qorti tat provvedimenti dwar it-talbiet li sarulha. F'din il-kawża tagħhom li nbdiet xahar wara l-imsemmija liberazzjoni, l-appellanti ma ressqux raġunijiet ġodda biex jikkonvinċu li dak il-proċess kien tabilħaqq milqut minn nuqqasijiet li jġibuh ma jiswiex. Lanqas f'dan l-istadju tal-appell ma seħħilhom jagħtu lil din il-qorti xi raġuni ġdida biex taqleb il-fehma tal-ewwel qorti jew is-siwi tas-sentenza appellata.

[4] »Ara Maġ (Għ) AE 20.1.2009 fil-kawża fl-ismijiet Marjano *sive* Mario Pace *et v.* Carmelo Pace *et* (mhux appellata)«

»24. Illi, minħabba f'hekk ukoll, lanqas din il-parti tal-aggravju ma jixirqilha tintlaqa' u b'hekk lanqas hija tajba t-tielet talba attriċi.

»25. Għal dawn ir-raġunijiet, il-qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-appell billi tiċħad l-appell imressaq mill-atturi mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Ottubru 2015 fil-kawża fl-ismijiet premessi u tikkonfermaha għal kollox, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi appellanti.«

6. B'rikors tat-22 ta' Frar 2001 l-atturi talbu li din il-qorti tħassar is-sentenza attakkata u tisma' l-appell mill-ġdid għax igħidu illi s-sentenza applikat il-liġi ħażin u hija l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża (art. 811 para. (*e*) u (*l*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili).

7. Qabel ma tqis l-aggravji tal-atturi l-qorti sejra tqis eċċezzjoni ta' nullità tar-rikors ta' ritrattazzjoni mressqa mill-konvenuti Depasquale. Din l-eċċezzjoni tolqot il-mod kif saru t-talbiet għat-tħassir tas-sentenza u s-smigħ mill-ġdid tal-appell. Dawk it-talbiet saru hekk:

»Għaldaqstant l-atturi ritrattandi … jitolbu lil dina l-onorabbli qorti jogħġobha fir-rigward tas-sentenza mogħtija mill-onorabbli Qorti tal-Appell fit-23 ta' Novembru 2020 fl-ismijiet <u>Raymond u Anna konjuġi Meilak *v.* Henry u Maria Annunzjata konjuġi Depasquale u Direttur tal-Qrati Ċivili u Tribunali, għal kull interess li jista' jkollu</u> (rikors maħluf numru 403/2012):

»(i) tħassar u tirrevoka:

»a) dak il-kap tas-sentenza impunjata li permezz tiegħu ġie miċħud l-appell tal-atturi u ġiet ikkonfermata d-deċiżjoni mogħtija mill-onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-5 ta' Ottubru 2005 li biha ġiet miċħuda t-tieni talba tal-atturi;

»b) dak il-kap tas-sentenza impunjata li permezz tiegħu ġie miċħud l-appell tal-atturi u ġiet ikkonfermata d-deċiżjoni mogħtija mill-onorabbli Prim'Awia tal-Qorti Ċivili tal-5 ta' Ottubru 2005 li biha ġiet miċħuda t-tieni talba tal-atturi;

»ċ) dak il-kap tas-sentenza impunjata li permezz tiegħu ġie miċħud l-appell tal-atturi u ġiet ikkonfermata d-deċiżjoni mogħtija mill-onorabbli Prim' Awia tal-Qorti Ċivili tal-5 ta' Ottubru 2005 dwar il-kap tal-ispejjeż;

»d) dak il-kap tas-sentenza impunjata li permezz tiegħu l-atturi ġew ikkundannati jħallsu l-ispejjeż tal-appell minnhom interpost.

»(ii) tordna s-smigħ mill-ġdid tal-appell tal-atturi fil-kawża Raymond u Anna konjuġi Meilak *v.* Henry u Maria Annunzjata konjuġi Depasquale u Direttur tal-Qrati Ċivili u Tribunali, għal kull interess li jista' jkollu (rikors maħluf numru 403/2012), u dan limitatament fir-rigward ta' dawk il-kapi tas-sentenza tat-23 ta' Novembru 2020 mogħtija minn din l-onorabbli qorti li jkunu ġew imħassrin skont kif mitlub fit-talba preċedenti.

»Bl-ispejjeż kontra r-ritrattati.«

8. L-eċċezzjoni ta' nullità ġiet imfissra hekk:

> »Illi qabel xejn u f'ġieh is-sewwa għandha tiġi ordnata korrezzjoni fit-talbiet tar-rikors tar-ritrattandi *stante* li l-ewwel żewġ talbiet huma ripetuti b'mod identiku kelma b'kelma.
>
> »Illi preliminarjament ukoll għandu jingħad li il-proċedura adoperata mir-ritrattand hija nulla u dan *stante* li r-ritrattand qiegħed jitlob ir-ritrattazzjoni tad-deċiżjoni ta' din il-qorti dwar it-tieni aggravju tar-rikors ta' appell tiegħu u fejn iddeċidiet dwar il-kap tal-ispejjeż u qed jippretendi li l-kumplament tas-sentenza (li titratta l-ewwel aggravju) ma tiġix ritrattata. Fil-fatt fit-talba innumerata (ii) jitlob "is-smigħ mill-ġdid tal-appell ... u dan limitatament fir-rigward ta' dawk il-kapi tas-sentenza tat-23 ta' Novembru 2020 ...". Dan kjarament ma jistax isir.
>
> »L-artikolu 811 tal-Kap.12 jgħid: "Kawża deċiża b'sentenza mogħtija fi grad ta' appell jew mill-Qorti Ċivili, Prim Awla, fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha, tista', fuq talba ta' waħda mill-partijiet li jkollha interess, tiġi ritrattata ...". Għalhekk hija l-kawża (f'dan il-każ, l-appell) li għandha tiġi ritrattata u mhux parti minnha. L-artikolu 816 ma jbiddel xejn minn dan għaliex sempliċiment jgħid x'dettalji għandek iddaħħal fir-rikors u *cioè* fir-rigward ta' liema kapi tas-sentenza qed isir ilment a tenur tal-artikolu 811. L-iskop tal-liġi huwa ċar. Hija s-sentenza kollha (u f'dan il-każ l-appell kollu) li trid tiġi studjata f'każ ta' talba għal ritrattazzjoni u mhux biss kap ta' sentenza waħdu u go vakwu.
>
> »Illi in effetti s-sentenza li tagħha qed tintalab ir-ritrattazzjoni għandha biss żewġ kapi, wieħed dwar iċ-ċaħda jew l-akkoljiment tal-appell u ieħor dwar il-kap tal-ispejjeż. In effetti tgħid hekk:
>
> > »"Tiċħad l-appell imressaq mill-atturi mis-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Ottubru 2015 fil-kawza fl-ismijiet premessi u tikkonfermaha għal kollox, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi appellanti."
>
> »Illi dak li qed jiimenta minnu r-ritrattand fit-talba tiegħu (i) (a) u (b) (talbiet identiċi kif fuq sottomess) m'huwiex kap tas-sentenza però ċaħda ta' aggravju fir-raġunar tal-qorti li mbagħad iwassal għaċ-ċaħda tal-appell kollu.«

9. Tassew illi l-art. 816 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jrid illi fir-rikors ta' ritrattazzjoni "l-attur … isemmi wieħed wieħed il-kapi tas-sentenza li jkun irid jattakka"; tassew ukoll illi s-sentenza attakkata

tiċħad żewġ aggravji tal-appellanti – i. dak dwar is-siwi tas-sentenza u ċ-ċaħda tal-ewwel talba magħmula fir-rikors maħluf, u ii. dak dwar jekk is-sentenza tolqotx lill-appellanti u ċ-ċaħda tat-tieni talba magħmula fir-rikors maħluf – iżda, kif sewwa jgħidu l-konvenuti Depasquale, is-sentenza effettivament ċaħdet iż-żewġ aggravji f'kap wieħed meta qalet biss li tiċħad l-appell. Madankollu, il-fatt illi l-atturi jqisu ċ-ċaħda tat-tieni talba tagħhom bħala kap separat tas-sentenza ma jwassalx għan-nullità tar-rikors ta' ritrattazzjoni; ifisser biss illi l-atturi ma humiex jilmentaw minn dik il-parti tas-sentenza attakkata li ċaħdet l-appell tagħhom relativament għall-ewwel talba. Dan ma joħloq ebda pre-ġudizzju għall-konvenuti; anzi, huwa ta' vantaġġ għalihom għax ifisser illi l-atturi ma għadhomx jimpunjaw il-validità tas-sentenza tad-9 ta' Lulju 2008 iżda biss id-deċiżjoni li dik is-sentenza tolqot lilhom.

10. Il-fatt imbagħad illi, kif sewwa jgħidu l-konvenuti Depasquale, it-talbiet (1) (a) u (b) fir-rikors ta' ritrattazzjoni jitolbu l-istess ħaġa ma huwiex ħlief żball evidenti li ma jibdel xejn.

11. L-eċċezzjoni ta' nullità hija għalhekk miċħuda, u nistgħu ngħaddu biex inqisu l-meritu tal-aggravji tal-atturi, li ġew imfissra hekk:

> »Illi l-atturi jidhrilhom li s-sentenza mogħtija minn dina l-onorabbli qorti fit-23 ta' Novembru, 2020 (minn issa 'l quddiem "is-sentenza impunjata") hija l-effett ta' żball ċar li jirriżulta mill-atti u mid-dokumenti tal-kawża u kif ukoll hija l-effett ta' applikazzjoni ta' liġi ħażina, u li għalhekk hemm lok għar-ritrattazzjoni u s-smigħ mill-ġdid tal-appell tagħhom, u dan fir-rigward ta' dawk il-kapi tas-sentenza impunjata li bihom ġew miċħuda t-tieni u t-tielet talbiet tar-rikors maħluf, kif ukoll dwar il-kap li bihom ġew deċiżi l-ispejjeż.
>
> »Illi b'mod aktar preċiż, l-atturi jidhrilhom li hemm lok għar-ritrattazzjoni sa fejn is-sentenza impunjata:
>
> »(i) ċaħdet l-aggravji dwar it-tieni u t-tielet talbiet dedotti fir-rikors maħluf tal-atturi u sa fejn dawn l-aggravji kienu mibnija fuq il-

kontenzjoni tal-atturi li s-sentenza ottenuta mill-konvenuti Depasquale fil-konfront tagħhom kienet inesegwibbli għaliex l-attur Raymond Meilak kien irrinunzja għall-wirt ta' missieru qabel ingħatat l-istess sentenza;

»(ii) ċaħdet it-tieni talba dedotta fir-rikors maħluf tal-atturi sa fejn din it-talba riedet dikjarazzjoni li s-sentenza ottenuta mill-konvenuti Depasquale fid-9 ta' Lulju 2008 ma kienet qatt tikkostitwixxi stat fil-konfront tal-attriċi Anna Meilak, u dan kemm għaliex l-attriċi mhux werrieta ta' Joseph Meilak (missier l-attur) u kemm għaliex lanqas ma kienet ċitata bħala konvenuta fis-sentenza tad-9 ta' Lulju 2008.

»*Dwar l-inesegwibilità tas-sentenza tad-9 ta' Lulju 2008 kontra l-attur Raymond Meilak* stante *rinunzja għall-eredità ta' missieru*

»Illi dan l-aspett tal-kwistjoni bejn il-kontendenti kien definit fis-sentenza impunjata permezz tal-paragrafi tmintax, dsatax u għoxrin. … … …

»Illi mill-brani appena kaptati, huwa evidenti li dina l-onorabbli qorti rrespinġiet dan l-aggravju tal-atturi abbażi ta' żewġ konsiderazzjonijiet, u ċjoè illi fl-ewwel lok ma rriżultax li fil-kawża li wasslet għas-sentenza tad-9 ta' Lulju 2008 l-attur u ħutu kienu ċitati sempliċiment bħala werrieta ta' missierhom, billi fl-okkju tal-kawża dik il-kwalifika kienet limitata għal ommhom biss. Fit-tieni lok, ir-rinunzja tagħhom, anke jekk imwettqa qabel is-sentenza tad-9 ta' Lulju 2008, ma tiswiex fil-konfront tal-konvenuti Depasquale billi ma iġetx reġistrata kif imiss.

»Illi dawn iż-żewġ konsiderazzjonijiet, li kienu kjarament determinanti sabiex dina l-onorabbli qorti waslet biex irriġettat l-aggravju tal-atturi, huma sfortunatament entrambi riżultati u effetti ta' żbalji, kif se jiġi spjegat permezz tal-paragrafi li ġejjin.

»… … …

»Illi f'dan il-każ l-iżball li fih inkorriet dina l-onorabbli qorti kien dak li eskludiet li l-konvenuti Depasquale ipproċedew biċ-ċitazzjoni bin-numru 1166/2007 GV kontra l-attur (u ħutu) bħala werrieta ta' missierhom. Dan il-punt fil-verità qatt ma kellu jkun wieħed kontrovers, tant li l-konvenut Depasquale f'din il-kawza xehed hekk:

> »"Wara ċertu żmien jiena sirt naf li s-sinjur Meilaq kien miet u allura kont għamilt kawża kontra l-eredi tiegħu sabiex ningħata lura dawn il-flus."

»Illi għalhekk kien il-konvenut stess li ddikjara li huwa pproċeda kontra l-attur, ħutu u ommu bħala werrieta ta' Joseph Meilak, u kwindi dan il-punt qatt ma kien kontradett u kellu jitqies paċifiku.

»Illi wara kollox l-okkju tal-kawza bin-numru 1166/2007GV ma jikkontradixxi xejn minn dan kollu, għaliex il-kwalifika "bħala werrieta tal-mejjet Joseph Meilak" mhux ristretta għal Benedetta Meilak, kif fehmet dina l-onorabbli qorti fis-sentenza impunjata. Wara kollox, Benedetta Meilak – mart il-mejjet – kienet l-uniku waħda li ma kellhiex għalfejn titħarrek bħala werrieta ta' Joseph Meilak, *stante* li hi ġà kellha l-leġittimazzjoni passiva biex titħarrek bħala debitriċi tal-konvenuti Depasquale, u dan *in virtù* tal-komunjoni tal-akkwisti li kienet veljanti bejnha u bejn il-mejjet Joseph Meilak.

»Illi għalhekk, l-onorabbli qorti tal-ewwel istanza inkorriet fi żball meta qieset li l-kawża bin-numru 1166/2007GV ma saritx kontra l-attur Raymond Meilak bħala werriet ta' missieru, liema żball jirriżulta mill-atti u d-dokumenti tal-kawża, u addirittura minn ħalq il-konvenut Depasquale stess, kif fuq suespost.

»Illi anke t-tieni konsiderazzjoni li wasslet lii dina l-onorabbli qorti tiċħad dan l-aggravju tal-atturi, u ċjoè li r-rinunzja tal-attur ma kinetx tiswa kontra Depasquale għax mhux reġistrata, kienet il-frott ta' żball, u ċjoè ta' applikazzjoni tal-liġi ħażina.

»… … …

»Illi fis-sentenza impunjata ġie konkluż illi r-rinunzja magħmula mill-attur u ħutu … ma kellha ebda effett kontra l-konvenuti Depasquale għax ma ġietx reġistrata skond il-liġi, u dan b'riferenza għall-artikoli 330(2) u 860(3) tal-Kodiċi Ċivili. Tajjeb li naraw x'jipprovdu dawn id-disposizzjonijiet.

»Illi l-artikolu 330(2) tal-Kodiċi Ċivili jitkellem dwar x'għandu jkun fiha n-nota tal-insinwa ta' att li bih jiġi kkostitwit jedd t'użufrutt. Din id-disposizzjoni hija rilevanti biss minħabba dak li jipprovdi l-artikolu 860(3) tal-Kodici Civili, li jgħid:

> »"Id-dikjarazzjoni tar-rinunzja msemmija f'dan l-artikolu m'għand-hiex ikollha effett kwantu għall-partijiet terzi ħlief miż-żmien meta din tiġi reġistrata fir-Reġistru Pubbliku skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 330(2)."

»Illi l-iżball li inkorriet fih dina l-onorabbli qorti huwa li ma ntebħitx illi t-tielet subinċiż tal-artikoJu 860, ċitat minnha, kien introdott biss bis-sahha tal-Att XV tal-2012, u kwindi snin wara li saret ir-rinunzja in kwistjoni. … … …

»Effettivament fiż-żmien in kwistjoni l-artikolu 860 kien jikkonsisti biss mill-ewwel żewġ sub-inċiżi, u t-tielet subinċiż kien ineżistenti. Ma kien hemm ebda ħtieġa li rinunzja tiġi reġistrata, u dik il-ħtieġa daħlet fis-seħħ biss fis-sena 2012, u ċjoè wara ż-żmien rilevanti.

»Isegwi għalhekk li fis-sentenza impunjata ġiet applikata liġi ħażina, u ċjoè l-artikolu 860 kif emendat bl-Att XV tal-2012, mentri kellu jiġi applikat l-artikolu 860 qabel ma ġie emendat.

»Għalhekk ukoll hemm lok għar-ritrattazzjoni tal-appell.

»*Dwar ir-rigett tat-tieni talba sa fejn tirrigwarda lill-attriċi Anna Meilak*

»Illi effettivament dina l-onorabbli qorti għaddiet biex tirrespinġi t-talbiet kollha tal-atturi, inklużi dawk diretti għall-otteniment ta' dikjarazzjoni li s-sentenza tad-9 ta' Lulju 2008 mhux eżegwibbli kontra l-attriċi Anna Meilak.

»Illi l-fatt li dina l-onorabbii qorti għaddiet biex tiċħad it-tieni talba interament huwa kjarament l-effett ta' żball li jirriżulta mill-atti u mid-dokumenti tal-kawża, li a tenur tal-artikolu 811(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jagħti lok għar-ritrattazzjoni.

»Illi l-atturi qabel xejn jirrilevaw li fis-sentenza impunjata mkien ma tingħata raġuni għaliex din il-parti tat-tieni talba ġiet miċħuda wkoll.

»Illi huwa paċifiku u ċar mill-atti kollha tal-kawża – inkluż mill-atti tas-subbasta li ġiet impunjata mill-atturi b'din l-azzjoni tagħhom – illi s-

sentenza tad-9 ta' Lulju 2008 ma kellha qatt titqies li kienet tikkostitwixxi stat fil-konfront tal-attriċi Anna Meilak, la darba hija ma kinetx parti fiha, u lanqas ma kienet werrieta (lanqas nominata) ta' Joseph Meilak. Tant hu hekk li l-onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, adita bl-eżekuzzjoni tas-sentenza tad-9 ta' Lulju 2008 kontra l-immobbli tal-atturi, ordnat il-prosegwiment tas-subbasta unikament fil-konfront tan-nofs indiviż appartenenti lill-attur Raymond Meilak.

»Illi għalhekk ir-riġett sħiħ tat-tieni talba tal-atturi, li trid dikjarazzjoni illi "… l-istess sentenza ma tagħmilx stat kontra l-esponenti u mhix esegwibbli fil-konfront tagħhom għaliex dawn mhumiex werrieta tal-mejjet Joseph Meilak, u Anna Meilak lanqas ma hi parti fl-istess kawża", hija inspjegabbii fid-dawl ta' dak li kellu jkun paċifiku u mhux kontestat. Dan għaliex anke kieku *datum sed non concessum* illi kellu jiġi deċiż li s-sentenza tad-9 ta' Lulju 2008 hija esegwibbii kontra l-attur ritrattand Raymond Meilak, kellu komunkwe jiġi deċiż li m'hijiex esegwibbli kontra martu, billi hi la hija parti f'dik is-sentenza, u lanqas ma hija werrieta ta' Joseph Meilak.

»Illi għalhekk ukoll hemm lok għar-ritrattazzjoni.«

12. Essenzjalment l-argumenti huma tlieta:

    i. illi kien żball ta' fatt fis-sentenza attakkata illi l-armla biss tqieset li kienet imħarrka bħala werrieta tad-debitur Joseph Meilak fil-kawża deċiża bis-sentenza tad-9 ta' Lulju 2008 meta l-konvenuti kollha f'dik il-kawża – fosthom Raymond Meilak, l-attur tallum – kienu mħarrka bħala werrieta; għalhekk, ladarba Raymond Meilak ma huwiex werriet għax irrinunzja għall-wirt, mela s-sentenza ma torbtux;

    ii. illi kien b'applikazzjoni ta' liġi ħażina – l-art. 860 tal-Kodiċi Ċivili kif emendat fl-2012 flok l-istess art. 860 qabel kien emendat – illi l-qorti fis-sentenza attakkata qieset li r-rinunzja għall-wirt ta' Joseph Meilak ma tiswiex quddiem il-konvenuti tallum għax ma kinitx reġistrata; u

    iii. illi kien bi żball illi fis-sentenza attakkata l-attriċi Anna Meilak tqieset li hija marbuta bis-sentenza tad-9 ta' Lulju 2008.

13. Huwa minnu illi l-kelma "werrieta" biex tfisser il-kwalità li fiha kienu mħarrka l-konvenuti – fosthom l-attur tallum – fil-kawża maqtugħa bis-sentenza tad-9 ta' Lulju 2008 tgħodd għall-konvenuti kollha, u mhux għall-armla biss[5]; il-kelma "werrieta" tintuża fil-plural u mhux fis-singular femminil biss.

14. Huwa minnu wkoll illi r-rinunzja tal-wirt meta saret kienet tiswa wkoll kontra terzi għax taħt il-liġi fis-seħħ dak iż-żmien ma kinitx meħtieġa r-reġistrazzjoni kif hija meħtieġa llum.

15. Il-konvenuti f'dik il-kawża – fosthom l-attur tallum – għalhekk kien ikollhom raġun li kieku ressqu eċċezzjoni ta' nuqqas ta' leġittimazzjoni passiva, iżda dik l-eċċezzjoni ma tressqitx u l-qorti iddeċidet – b'sentenza li issa hija *res iudicata* – bħallikieku l-konvenuti fil-kawża tassew għandhom il-kwalità li fiha ġew imħarrka, u ikkundannathom personalment – għax il-personalità tagħhom bħala werrieta hija amalgamata mal-personalità "personali" tagħhom – biex iħallsu d-dejn.

16. Tassew li kien żball illi l-konvenuti f'dik il-kawża tqiesu werrieta ta' Joseph Meilak, iżda huwa żball li seta' jissewwa biss fi proċeduri ta' appell jew ta' ritrattazzjoni u s-sentenza tad-9 ta' Lulju 2008 la ġiet appellata u lanqas intalbet ir-ritrattazzjoni tal-kawża li fiha ngħatat. Is-sentenza għalhekk illum hija *res iudicata quæ pro veritate habetur*.

17. Kien ukoll ikollu raġun l-attur tallum li kieku s-sentenza tad-9 ta' Lulju 2008 ingħatat kontra Joseph Meilak, id-debitur oriġinali, u issa

5 Fl-*occhio* ta' dik il-kawża l-konvenuti huma indikati bħala "Benedetta Meilak; u Raymond, Herman, u Christopher aħwa Meilak u Veronica Tabone u l-istess Benedetta Meilak bħala werrieta tal-mejjet Joseph Meilak".

qiegħda tintalab l-esekuzzjoni kontra l-attur taħt l-art. 259 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, iżda s-sentenza tallum ma ngħatatx kontra Joseph Meilak iżda mill-ewwel kontra l-attur innifsu, fost oħrajn.

18. Għal dawn ir-raġunijiet ma tistax tintlaqa' t-talba għat-tħassir tas-sentenza attakkata safejn sabet illi s-sentenza tad-9 ta' Lulju 2008 tolqot ukoll lill-attur tallum u għalhekk tista' tiġi esegwita kontrih.

19. Ngħaddu issa għall-aggravju illi ma kellhiex tiġi miċħuda t-talba għal dikjarazzjoni li s-sentenza tad-9 ta' Lulju 2008 ma tolqotx lill-attriċi Anna Meilak għax Anna Meilak ma kinitx parti fil-kawża maqtugħa b'dik is-sentenza u ma hijiex werrieta ta' Joseph Meilak.

20. Tassew illi Anna Meilak ma kinitx parti fil-kawża maqtugħa bis-sentenza tad-9 ta' Lulju 2008 u ma hijiex werrieta ta' Joseph Meilak. Madankollu s-sentenza attakkata tikkonferma s-sentenza tal-ewwel grad fejn ċaħdet it-talba għal dikjarazzjoni li s-sentenza tad-9 ta' Lulju 2008 ma torbotx lil Anna Meilak mhux għax bi żball lill-qorti dehrilha li Anna Meilak kienet parti fil-kawża maqtugħa b'dik is-sentenza jew li hija werrieta ta' Joseph Meilak; dik il-parti tas-sentenza tal-ewwel grad ġiet konfermata għax ma hemmx aggravju fir-rikors tal-appell li jitlob tħassir ta' dik il-parti tas-sentenza tal-ewwel grad għax Anna Meilak ma kinitx parti fil-kawża maqtugħa bis-sentenza tal-2008 u għax ma hijiex werrieta ta' Joseph Meilak. Ladarba ma tressaqx dak l-aggravju fir-rikors tal-appell ma jistax jitressaq issa. Ukoll li kieku dik il-parti tas-sentenza attakkata kellha titħassar u l-appell kellu jinstema' mill-ġdid,

ma tistax tinbidel dik il-parti tas-sentenza tal-ewwel grad ladarba ma hemmx aggravju li jolqot dik il-parti.

21. Dan l-aggravju wkoll għalhekk ma jistax jintlaqa'.

22. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti, wara li tiċħad l-eċċezzjoni ta' nullità tar-rikors ta' ritrattazzjoni, tiċħad it-talba għat-tħassir tas-sentenza attakk-ata taħt l-art. 811(*e*) u (*l*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u konsegwentement tiċħad ukoll it-talba għas-smigħ mill-ġdid tal-appell.

23. L-ispejjeż ta' dan l-episodju jinqasmu hekk: erba' ishma minn ħamsa ($^{4}/_{5}$) tal-ispejjeż iħallsuhom l-atturi Meilak billi ġiet miċħuda t-talba tagħhom għal ritrattazzjoni, u s-sehem l-ieħor minn ħamsa ($^{1}/_{5}$) jħallsuh il-konvenuti billi ġiet miċħuda l-eċċezzjoni mressqa minnhom ta' nullità tar-rikors ta' ritrattazzjoni.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Anthony Ellul<br>Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da